MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 970/2004

Il-Pulizija
(Spettur J. Hersey)

vs

David Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' 214603m akkuzat talli fil-25 ta' Lulju 2004 ghal habta tas-17.45hrs gewwa Valletta Road, Marsa:
(1) saq vettura ta' ghamla Toyota li ghandha numru originali GAA 174 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni, fl-istess zmien, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer;
(2) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew

stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja tal-'windscreen' u pjanci ta' registrazzjoni li jappartjenu vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni originali LVY 169;
(3) ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal licenzja tal-'windscreen' li tappartjeni vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni originali LVY 169;
(4) saq din il-vettura bin-numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cjoe' ghamel uzu minn pjanci tan-numri ta' registrazzjoni ohra Nru. LVY 169 ta' vettura Isuzu fuq il-vettura ta' ghamla Toyota li kien qed isuq;
(5) saq vettura ta' ghamla Toyota li ghandha numru originali GAA 174 minghajr ma kienet illicenzjata biex tintuza fit-triq mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (licenzja mhux rinnovata).
Il-Qorti hija mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna li jigi skalifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta mill-akkuzat;
Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tar-rappresentant tad-Direttur tal-Licenzji u Testijiet (folio 26) jirrisulta li z-zewg vetturi meritu dina l-kawza, cjoe dik bin-numru ta' registrazzjoni LVY 169 tal-ghamla Izuzu Van u dik bin-numru ta' registrazzjoni GAA 174 tal-ghamla Toyota Van, huma t-tnejn registrati f'isem l-akkuzat. L-akkuzi ghandhom matrici wahda li tiskaturixxi mill-fatt li l-akkuzat biddel l-licenzja mwahla mal-

‘windscreen’ u l-pjanci tar-registrazzjoni tal-vettura Izuzu u wahhalhom u isostitwihom ghal dawk tal-vettura Toyota. Issa dan il-fatt huwa ben pruvat mix-xhieda li resqet il-Prosekuzzjoni fil-kors tas-smigh tal-kawza u jinsab ribadit fl-istqarrija li l-akkuzat irrilaxxja lill-Pulizija. Fil-fatt fuq domanda dwar li kien gie imwaqqaf mill-Pulizija b’van Toyota b’numru ta’ registrazzjoni LVY 169 hu irrisponda li kellu il-van Izuzu idahhan u biex ma jaqlax citazzjoni hareg il-van (igifieri it-Toyota) siegha. Fl-istess nifs, rinfaccjat bil-fatt li qala’ n-numri tal-van Isuzu u l-licenzja tal-‘windscreen’ taghha u qedhom fuq it-Toyota, irrispona “Iva kollox tieghi imma”.

Intant, dawn huma l-fatti li jipprestaw ghall-akkuzi li qed jiffacja l-akkuzat, li huma ta’ dikjarazzjoni falza (Artikolu 188 Kap 9) u falsifikazzjoni u uzu ta’ dokumenti foloz (Artikolu 189 Kap 9) kif wkoll ta’ sewqan ta’ vettura minghajr kopertura ta’ licenzja u assikurazzjoni.

Illi l-akkuzat jiddefendi ruhhu billi jghid li l-vetturi kienu registrati fuq ismu u kienu hekk registrati sa mis-sena 2001. Din il-linja ta’ difiza pero’ ma ssibx l-adesjoni ta’ din il-Qorti billi bir-rispett kollu bilkemm huwa sufficjenti li jinghad li gja la darba l-akkuzat insab isuq vettura differenti ghal dik li l-assikurazzjoni u l-licenzja taghha kienu japplikaw ma jistax la legalment u lanqas logikament jippretendi li l-assikurazzjoni u l-licenzja ta’ wahda tghodd ukoll ghall-vettura ohra anka jekk din l-vettura l-ohra tkun tieghu.

Illi fuq l-iskorta ta’ dan l-Qorti m’ghandhiex esitazzjoni li ssib l-akkuzat ukoll hati tal-akkuzi li saq vettura, b’referenza ghat-Toyota, minghajr ma’ kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni u minghajr ma kienet licenzjata sabiex tinstaq fit-triq liema licenzja tal-vettura kienet tirreferi ghall-vettura ohra.

Ikkonsidrat ukoll relattivament l-akkuzi taht l-Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9 illi mill-provi jirrisulta li l-akkuzat irrenda ruhhu hati taht l-Artikolu 189 u cjoe tal-falz ideologiku billi ghalkemm uza dokumenti genwini tali ma kienux jirriflettu r-rejalta' billi kienu intizi sabiex juru haga b'ohra.

Illi d-distinzjoni bejn iz-zewg artikoli fuq citati hija rilevanti wkoll fl-ambitu tal-piena stante li l-Artikolu 189 jeskludi l-multa u jinsisti fuq il-priguneria.

Inghad dan ghalhekk issib l-akkuzat hat ital-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu189 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap 104 u l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u tikkundannah disa xhur prigunerija u multa' ta' mitejn euro oltre li tiskwalifikah mill-licenzi tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' tmint tijiem mill-lum.

Ghal dak li jirrigwarda l-perjodu ta' prigunerija wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum sakemm l-akkuzat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu operattiv ta' sena.

Il-Qorti spiegat lill-akkuzat r-responsabiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------